# IS-SIGGIEWI JFAKKAR



## IL-PROFESSUR

# NIKOLA ZAMMIT, M.D.

## (1815 - 1899)

(1815 - 2015)
IL-200 ANNIVERSARJU MIT-TWELID
TAL-FUNDATUR TAL-KAŻIN BANDA SAN NIKOLA

Festa San Nikola
Ġunju 2015

Każin Banda San Nikola
AD 1883

Lento

# Il-Professur Nikola Zammit M.D.

## *Din is-Sena taħbat il-200 sena mit-twelid tiegħu (1815-2015)*

**Kitba tas-Sur Toni Mifsud**

Għalina tal-Każin tal-Banda San Nikola, dan l-anniversarju huwa ta' interess partikolari, billi l-Professur Nikola Zammit flimkien ma' Siġġiwin oħra fl-1883 waqqfu lill-banda tagħna, illum insellimlu.

*(Din il-kitba ta' hawn taħt hija meħuda mill-ktejjeb ta' tifkira li l-Għaqda Kulturali Siġġiewi kienet ħarġet fil-jum li fih ġie inawgurat il-Monument li sar b'ġieħu nhar l-4 ta' Ġunju 1977)*

### Min kien il-Professur, it-Tabib Nikola Zammit M.D.

Il-Prof. Zammit twieled is-Siġġiewi fl-20 ta' Novembru 1815, bin Ġanni Zammit u Vinċenza Vella. Studja fis-Seminarju l-Imdina u wara fl-Università ta' Malta, fejn f'Ġunju tal-1830 ħa l-lawrea ta' Tabib u ħadem għal xi żmien hawn, fis-Siġġiewi, raħal twelidu.

Għalkemm kellu interess fit-tagħlim tal-Mediċina, huwa kien ħass ġibda qawwija għal-letteratura, l-arti u l-filosofija. Kien fl-1845 meta ħalla s-Siġġiewi biex mar joqgħod il-Belt u hemm hu ntefa' għall-kitba, tant li sena wara ħareġ ġurnal taħt l-isem ta' "Rivista".



*Il-President ta' Malta Dr Anton Buttigieg imdawwar mill-membri tal-Għaqda Kulturali Siġġiewi li kienet responsabbli mit-twaqqif tal-monument f'ġieħ Dr Nikola Zammit. Jidhru fost oħrajn il-Poeti Karmenu Vassallo u Pawlu Aquilina kif ukoll l-Iskultur Gianni Bonnici, Dr Kalċidon Zammit u Dun Nikol Aquilina.*

Il-Profs. N. Zammit fl-1849 inħatar Assitent Supretendent u Tabib tal-ħabs. Kemm dam f'din il-kariga huwa studja sewwa l-qagħda tal-ħabsin u ħadem ħafna sabiex, waqt li l-ħabsin jingħatawlhom il-kastigi li ħaqqhom għal ħtijiethom, minn naħa l-oħra, għal dawn il-ħabsin, huwa rsista sabiex jippruvaw li sakemm idumu l-ħabs jaraw li jirriformaw ħajjithom u jtejbu l-karattru u l-imġiba tagħhom.

Meta kellu 36 sena, jiġifieri fl-1853, huwa żżewweġ lil Melita Schranz, bint il-magħruf pittur Giovanni Schranz.

Huwa għamel studju tal-ħażna tal-ilma f'Malta, problema li nistgħu ngħidu li għadha xi ftit magħna sal-lum. Għal dan l-istudju, kif ukoll tant kemm ġie apprezzat ix-xogħol tiegħu f'dan il-qasam dwar il-provvista tal-ilma f'Malta, il-Gvern ta' dak iż-żmien, fl-1856 ħatru 'Head Guardian of Aqueducts', kariga li dam jokkupa għal tlettax-il sena, sakemm dan il-post ġie abolit.



*Il-President tal-Każin Banda San Nikola, is-Sur Anthony Mallia jħawwel siġra fejn lapida kommemorattiva tal-Każin Banda San Nikola biswit il-monument ta' Dr Nikola Zammit.*

Il-ħeġġa għall-Ġurnaliżmu baqgħet ħajja fil-Prof. Zammit u għalkemm l-interess fost il-poplu kien xi ftit dgħajjef, huwa ħareġ xi ġurnali u kien ukoll jikteb u kollaboratur ta' bosta ġurnali oħra. Kiteb ukoll rumanz bi sfond Malti li deher stampat bit-Taljan bl-isem ta' Angelica o La Sposa Della Musta'.

Dak iż-żmien, problema serja oħra kienet qiegħda tolqot is-saħħa tal-poplu, hekk li fl-1875 ħareġ jikkritika lill-awtoritajiet meta ppubblika l-kitba tiegħu 'Drenaggio, Suoi Rapporti Colla Vita ecc...' B'din il-kitba huwa ħeġġeġ lill-Gvern biex jimmodernizza s-sistema tad-dranaġġ u li dan għandu jitwassal f'kull parti abitata ta' Malta.

Fil-qasam tal-arti, huwa ħadem l-aktar f'dik li hija arkitettura, speċjalment dik ekkleżjastika, tant li nsibu li kien huwa li ddisinja Il-Portiku u n-Navajiet tal-Knisja ta' Raħal Twelidu, ta' San Nikola tas-Siġġiewi; il-faċċata tal-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu, tal-Belt Valletta; dik tal-faċċata ta' Santa Katarina taż-Żurrieq u l-faċċata ta' San Publiju tal-Furjana. Għamel ukoll restawrazzjoni tal-Knisja ta' San Pietru f'Marsaxlokk u mijiet ta' disinji għal bosta apparati u armar li jintużaw fil-knejjes Maltin. Il-paviment tal-Knisja Arċipretali taż-Żejtun huwa wkoll disinn tal-Prof. Nikola Zammit.

Fl-1876, għall-għerf tiegħu nħatar Professur tal-Filosofija fl-Università. Bħala Professur dam jgħallem fl-Università sakemm kellu 75 sena. F'dak iż-żmien huwa kiteb l-aqwa xogħol tiegħu **Pensieri d'un Retrogrado'** li ġie ppubblikat fl-1888. Meta kellu 83 sena, jiġifieri fid-29 ta' Lulju 1899, huwa miet f'Tas-Sliema, fejn kien mar joqgħod. Huwa ndifen fejn xtaq hu, f'raħal twelidu s-Siġġiewi, fejn kien għadda l-isbaħ żmien ta' żgħożitu, ir-raħal li tant ħabb u għamillu Ġieħ.